# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. TONIO MALLIA LL.D.

## Illum, il-Hamis, 16 ta' Mejju, 2002

Citazzjoni Numru: **191/02TM**

Numru**: 19**

**MUSCAT MOTORS LIMITED**

vs

**BRUNO TUCCI**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet li s-socjeta' hi tinsab kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' tmien t'elef, tlieta u disghin liri Maltin u disghin centezmi (LM8,093.90), import ta' kambjali minnu accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali jinsabu hawn annessi u markati Dokumenti "1" sa"2";

Ippremettiet illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas;

Ippremettiet illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollja rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili;

Talbet ghalhekk ighid l-istess konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundannah li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien t'elef, tlieta u disghin liri Maltin u disghin centezmi (LM8,093.90), import ta' kambjali minnu accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi ta' l-ittri ufficcjali datati 25 ta' Mejju, 2001 u 26 ta' Lulju, 2001 u tal-mandati kawtelatorji li gew ipprezentati kontestwalment ma' din il-kawza kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**IMHALLEF**

**D/REG**